A.L. 18 ta' l-1988

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME' (ATT NRU. LIV TA' L-1948)

Regoli ta' l-1988 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħlas ta' Taxxa Provviżorja (T.P.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 62 u bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 79 ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1988 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħlas ta' Taxxa Provviżorja (T.P.), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1973 dwar il-Ħlas ta' Taxxa Provviżorja (T.P.), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 10 ta' l-1973.

Emenda tar-regola 8 tar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (1) ta' l-artikolu 8 tar-regoli prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda t-taxxa provviżorja li jkollha titħallas għall-perijodu ta' erba' xhur li jagħlaq fil-wieħed u tletin ta' Diċembru għandha titħallas sa mhux iktar tard mill-wieħed u għoxrin ta' Diċembru.".